**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 16 ta' Lulju 2019

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## AĠENDA Numru 2

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 2 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 24 ta' Lulju 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

## AĠENDA

02.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
02.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
02.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
02.5 Rapporti;
02.6 Ftehim dwar il-ġbir tal-Iskart Riċiklabbli;
02.7 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
02.8 Aġġornament dwar ix-xogħol minn Infrastruttura Malta fi Triq it-Tempesta;
02.9 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Reconstruction of Rubble Walls in Qrendi (EAFRD);
02.10 Miżura 1 – Restoration of Cultural Assets (GAL Xlokk);
02.11 Applikazzjoni tal-Kunsill Lokali għall-Care Project Grant Support Scheme;
02.12 Video on Demand tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali;
02.13 Il-kiri tal-post nru 60, Triq il-Kbira, il-Qrendi
02.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
02.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-2 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa 24 ta' Lulju 2019 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-8:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsillier | Marion Parnis |
| Kunsilliera | Charles Zerafa |
| Kunsilliera | Daniel Farrugia |
| Ambaxxatriċi | Michaela Vassallo |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

02.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

02.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

02.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

02.2.1 Il-Minuti tal-1 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja.

02.2.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 02.3, 02.4 u 02.5 jiġu diskussi wara Minuta 02.13 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

02.6 **FTEHIM DWAR IL-ĠBIR TAL-ISKART RIĊIKLABBLI**

02.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali bagħat liż-żewġ koperattivi, GreenPAK u GreenMT dwar il-ftehim il-ġdid tal-Kunsill Lokali ma' waħda miż-żewġ skemi.

02.6.2 Sad-data tal-għeluq, jiġifieri sal-10 ta' Ġunju 2019, kienu biss il-koperattiva GreenPAK li rrispondew għat-talba tal-Kunsill Lokali u bagħtu l-proposti tagħhom.

02.6.3 Il-proposta tal-koperattiva GreenPAK kienet diskussa bejn il-membri

tal-Kunsill Lokali.

02.6.4 Is-Sindku ppropona li għandna naċċettaw il-proposta tal-koperattiva GreenPAK u nibqgħu naħdmu magħhom għas-snin li ġejjin.

02.6.5 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

02.6.6 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-GreenPAK matul din il-ġimgħa fejn fiha tkellem dwar diversi suġġetti li jekk kemm-il darba tiġi aċċettata l-proposta tagħhom inkunu nistgħu naħdmu flimkien.

02.6.7 Barra minn hekk, tkellem dwar problema u abbuż li qiegħed ikollna maġenb il-bring-in sites għaliex hemm min qed jarmi volum kbir ta' kartun barra l-kontenitur u dan qiegħed iħalli effett negattiv fuq l-ambjent tal-madwar.

02.6.8 Qal li għandi suspett qawwi dwar min jistgħu jkunu l-persuna jew il-persuni li qegħdin jagħmlu dan u mistennija li nieħdu azzjoni dwar dak li qiegħed iseħħ sabiex is-sitwazzjoni tiġi riżolta.

## 02.7 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>

02.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-kuntratt suppost ser jispiċċa fl-aħħar ta' Lulju ta' din is-sena.

02.7.2 Qal li wara li kienet inħarġet is-sejħa għall-offerti, il-kumpanija Taljana Linda Redna Tekne rebħet dan it-tender minħabba li kienet l-irħas waħda.

02.7.3 Żied li bħala Kunsill Lokali mal-ewwel konna kawti ħafna dwar din il-kumpanija, u fit-tender kien hemm imniżżel anke l-penali li jistgħu jiġu attwati jekk kemm-il darba l-kuntratt ma jkunx onorat.

02.7.4 Spjega kif il-kumpanija bdiet timxi bl-iskossi. Konna ningħataw l-impressjoni li x-xogħol ser jaqbad ir-ritmu mbagħad jieqaf. Ġieli dam

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

wieqaf xhur, imbagħad kien jerġa' jinbeda u wara ftit tal-jiem konna nsibu ntopp ieħor.

02.7.5 Qal li kien minnu li kellna problema żgħira mal-Awtorità għall-Ippjanar imma sa Jannar 2019 kellna l-permessi kollha meħtieġa u allura stajna nkomplu bix-xogħol.

02.7.6 Fisser kif ġimgħa wara l-oħra bdejna ninnutaw li x-xogħol mhuwiex tiela', u wara li tkellimna diversi drabi mal-kuntrattur, beda jibgħat ftit ħaddiema sabiex juru li qegħdin jaħdmu.

02.7.7 Wara li bagħtna l-ewwel default notice aktar kmieni dan ix-xahar, il-kuntrattur bagħat sitt (6) ħaddiema u x-xogħol deher li beda miexi.

02.7.8 Sitwazzjoni oħra hi li skadiet il-Performance Guarantee u l-kuntrattur ġabilna waħda minn bank Taljan li wara li saru l-verifiċi meħtieġa konna infurmati li dan il-bank partikolari ma setax joħroġ Performance Guarantees.

02.7.9 Żied li barra dan kollu, illum l-Erbgħa 24 ta' Lulju, saret laqgħa oħra fejn kien hemm preżenti l-Perit tal-proġett imqabbad mill-Kunsill Lokali, Henry Attard, fejn dan innota ċertu difetti u xogħol ħażin fil-fażi tal-pedament u dan talab sabiex jiġu rranġati d-difetti li hemm.

02.7.10 Qal li l-akbar inkwiet tal-Perit kien li l-problemi li hemm bħalissa ser jikbru meta l-bini jibda tiela' u żgur ikun hemm il-konsenturi u jidher ikrah mhux biss hu bħala Perit imma l-Kunsill Lokali.

02.7.11 Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali għamilna r-riċerki tagħna u sibna li fuq kull lat tax-xogħol din il-kumpanija qiegħed ikollha l-problemi u twaqqfu minn xi xogħolijiet f'xi siti oħra.

02.7.12 Qal li l-parir tal-Perit fuq dan il-proġett hu li wara li jiskadi l-kuntratt dan ma jiġiex mġedded u allura nwaqqfu lill-kuntrattur.

02.7.13 Fisser kif bħala Kunsill Lokali diġa' ċċekkjajna mad-Dipartiment tal-Kuntratti u mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar kif nistgħu nipproċedu u l-parir li ngħatajna kien li jerġa' jinħareġ it-tender modifikat bir-rekwiżiti tal-lum.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

02.7.14 Is-Sindku qal li dan ser joħloqilna problema għaliex minn sentejn ilu 'l hawn il-prezzijiet għolew, u allura rridu nistennew li l-irħas offerta għandu mnejn li tkun għolja aktar minn dak li kienet tal-kuntrattur rebbieħ s'issa.

02.7.15 Ippropona li l-ewwel nett nitkellmu mal-avukat tal-Kunsill Lokali sabiex tintbagħtlu ittra uffiċjali li qiegħed jitwaqqaf mill-kuntratt wara li dan ikun skada fl-1 t'Awwissu 2019.

02.7.16 Is-Sindku ppropona wkoll li wara li dan il-kuntratt jitwaqqaf, jinħareġ tender ieħor.

02.7.17 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 02.8 AĠĠORNAMENT DWAR IX-XOGHOL MINN INFRASTRUTTURA MALTA FI TRIQ IT-TEMPESTA

02.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li llum ingħata l-wiċċ tat-tarmak minn Misraħ il-Maqluba sa ħdejn it-traffic lights.

02.8.2 Qal li saret biss il-biċċa tan-nofs, u s-service roads ta' din iż-żona għadhom ma tlestewx.

02.8.3 Spjega kif hemm ħofra qrib Misraħ San Mattew imma din ser tingħalaq malli jingħata l-wiċċ finali f'din it-triq.

02.8.4 Is-Sindku qal li minn ħdejn it-traffic lights direzzjoni lejn l-Imqabba, hemm żoni fejn ix-xogħol waqaf u żoni oħra fejn baqa' għaddej.

02.8.5 Qal li tneħħa bus xelter li kien hemm kantuniera ma' Triq il-Warda sabiex infetħet is-service road li hemm f'din iż-żona.

02.8.6 Fisser kif fl-aħħar ġimgħat kiteb lill-kumpanija Faces Ltd sabiex naraw kif ser jiġi l-bus shelter il-ġdid fil-by-pass tal-Qrendi.

02.8.7 Barra minn hekk Infrastruttura Malta qegħdin jistennew il-permessi

mingħand l-ERA sabiex ineħħu xi siġar tal-għargħar sabiex jagħmlu fetħa li tagħti għal Triq l-Imqabba.

## 02.9 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – RESTORATION OF RUBBLE WALLS IN QRENDI (EAFRD)

02.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li ngħalaq iż-żmien tat-tfigħ t'offerti u kienu tliet (3) offerenti li tefgħu l-offerti tagħhom.

02.9.2 Qal li fil-jiem li ġejjin ser inlaqqgħu l-Bord t'Aġġudikazzjoni sabiex jaġġudikaw dan it-tender u nkunu nistgħu nmexxu fuq din il-Miżura.

## 02.10 MIŻURA 1 – RESTORATION OF CULTURAL ASSETS (GAL XLOKK)

02.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li din il-Miżura hija tal-GAL Xlokk u nistgħu ningħataw sa massimu ta' €12,000 fejn imbagħad il-Kunsill Lokali joħroġ 20% tal-ammont li jingħata.

02.10.2 Qal li huwa proġettat li jiġu rrestawrati l-istatwi li hemm mal-faċċati tal-każini tal-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista kif ukoll l-istatwa ta' San Mikiel li tinsab fi Triq il-Kbira.

02.10.3 Fisser kif probabilment b'€10,000 mhux ser jirnexxilna nirrestawraw dawn l-istatwi kollha, imma nistgħu nibdew mill-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab mal-faċċata tal-każin tal-Partit Laburista.

02.10.4 Spjega kif diġa' qed nagħmluha ċara li jekk kemm-il darba jsiru xi xogħolijiet mal-faċċati tal-każini, il-ħaddiema ma jkunux jistgħu jidħlu fil-każini rispettivi, u dan sabiex ma nidħlux f'kwistjonijiet bla bżonn li l-ħaddiema qegħdin jagħmlu xi xogħolijiet ulterjuri.

02.10.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li għandna napplikaw għal din il-Miżura, bil-Kunsilliera Marion Parnis tissekonda.

02.10.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 02.11 APPLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI GĦALL-CARE PROJECT GRANT SUPPORT SCHEME

02.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li applikajna għal din l-iskema b'għajnuna wkoll tal-Kunsilliera Marion Parnis.

02.11.2 Qal li rridu naraw kemm ser ningħataw fondi, imbagħad inkunu nistgħu nitkellmu aktar fid-dettall fil-ġimgħat li ġejjin.

## 02.12 VIDEO ON DEMAND TAL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL LOKALI

02.12.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-preżent il-laqgħat tal-Kunsill Lokali qegħdin live streamed u s'issa dawn mhux jiġu rekordjati.

02.12.2 Qal li rċevejna kwotazzjoni mingħand il-kumpanija li fil-preżent qegħdin joffrulna s-servizz tal-live streaming u din hija għas-somma ta' €1,416 kull sena.

02.12.3 Is-Sindku ppropona li għandna naċċettaw din il-kwotazzjoni bil-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda.

02.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 02.13 IL-KIRI TAL-POST NRU 60, TRIQ IL-KBIRA, IL-QRENDI

02.13.1 Is-Sindku David Schembri qal sal-lum għandna kirja f'dan il-lok fejn nużawh bħala sala kif ukoll bħala store tal-Kunsill Lokali.

02.13.2 Qal li ġejna avviċinati mingħand il-persuna li tikrilna din is-sala, fejn dan infurmana li minn Jannar 2020 irid jibda jitħallas €649 (VAT inkluża) kull xahar.

02.13.3 Dan ifisser li f'sena waħda l-Kunsill Lokali ser ikollu jibda joħroġ €7,788.

02.13.4 Qal li bis-sitwazzjoni taċ-Ċentru Ċiviku kif inhi, irridu jew naċċettaw din

il-proposta, inkella rridu nsibu post ieħor b'irħas flus.

02.13.5 Is-Sindku ppropona li forsi nistgħu ninnegozjaw prezz mal-kerrej u naraw jekk jirnexxilniex naslu xi mkien.

## 02.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

02.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar jiem inħarġet miżura mill-Gvern Ċentrali dwar restawr ta' siti storiċi u ta' valur u l-ħsieb tagħna mal-ewwel kien li nirrestawraw l-istatwi li hemm mal-ġenb tal-faċċata tal-każin tal-Partit Nazzjonalista.

02.3.1.1 Qal li diġa' tkellimna mal-Enemalta dwar il-wires li hemm għaddejjin minn quddiem dawn l-istatwi, bil-possibiltà li dawn jitniżżlu taħt l-art.

02.3.1.2 Spjega kif din il-proposta tagħlaq fit-30 t'Awwissu u allura għandna żmien biżżejjed biex naraw kif ser napplikaw u nitkellmu wkoll mal-Partit Nazzjonalista dwar dan.

02.3.1.3 Is-Sindku ppropona li għandna nmexxu, bil-Kunsill Lokali jaqbel unanimament.

02.3.2 Is-Sindku qal li matul l-aħħar leġiżlatura konna applikajna għall-WiFi b'xejn madwar il-lokalità tal-Qrendi.

02.3.2.1 Qal li aħna flimkien ma' Ħal Safi u l-Imġarr, Malta, intgħażilna sabiex inkunu waħda mit-tliet lokalitajiet li ser ikollna l-wifi b'xejn madwar ir-raħal.

02.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-miżura tal-libreriji.

02.3.3.1 Qal li biex nibbenefikaw minn din il-miżura rridu nieħdu sehem f'attivitajiet differenti li jibqgħu sejrin sal-aħħar t'Ottubru ta' din is-sena.

02.3.3.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li t-time frame hija ftit limitata u

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

allura ser ikun diffiċli li nidħlu għal din il-miżura.

02.3.3.3 Is-Sindku stieden lill-Kunsillieri l-oħra li jekk hemm min jixtieq jidħol għal din il-miżura, ikun jista' jagħmel dan.

02.3.4 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellna ma' Transport Malta.

02.3.4.1 Qal li kienu diskussi diversi punti fejn inħossu li mxejna pass 'il quddiem anke fuq is-sitwazzjoni ta' Wied iż-Żurrieq.

02.3.4.2 Spjega kif tkellimna dwar iż-zebra crossing fi Triq Congreve, Wied iż-Żurrieq, kif ukoll dwar il-parkeġġ għall-coaches fil-car park li hemm hemmhekk.

02.3.4.3 Tkellimna wkoll dwar it-talba li saret fi Triq l-Imqabba għal sleeping policeman, u s-Sindku qal li r-risposta li kellna kienet li naraw liema resident għamel it-talba u l-isleeping policeman issir quddiem ir-residenza tiegħu wara li tiġi sottomessa l-applikazzjoni u tkun approvata minn Transport Malta.

02.3.4.4 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li hemm ukoll sitwazzjoni fi Triq il-Puniċi kantuniera ma' Triq Ġużeppi Muscat.

02.3.4.5 Is-Sindku wieġeb li jkun aħjar jekk niċċekkjaw mar-residenti jekk isibux oġġezzjoni għall-isleeping policemen għax ikollna numru ta' persuni li ma jaċċettawx li jkollhom xi ħaġa simili quddiem darhom.

02.3.5 Is-Sindku tkellem dwar Sqaq il-Lhudija u qal li parti sew minnu ngħata t-tarmak minn Infrastruttura Malta.

02.3.6 Is-Sindku tkellem dwar tenders li kienu ppubblikati mill-Kunsill Lokali fl-aħħar ġimgħat.

02.3.6.1 Qal li filwaqt li t-tender tal-ħitan tas-sejjieħ diġa' għalaq, qegħdin nistennew li s-sejħiet għall-offerti tas-soft areas, tal-Perizja, tal-Avukat Legali u tas-Sinjali tat-Traffiku li ser jagħlqu fil-jiem li ġejjin.

02.3.7 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 4.3, li kienet dwar it-tisbiħ taż-żona ta' Ħaġar Qim.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

02.3.7.1 Qal li rċevejna mingħand l-Awtorità għall-Ippjanar għax mhumiex jaqblu fuq ċertu affarijiet li ser nagħmlu.

02.3.8 Is-Sindku tkellem dwar parteċipazzjoni fl-Interreg u qal li hu lest li jidħol għaliha sabiex jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali.

02.3.8.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jeħodha f'idejh is-Sindku David Schembri.

02.3.9 Is-Sindku tkellem dwar il-fondi tal-Urban Improvement Fund.

02.3.9.1 Qal li permezz ta' dawn il-fondi ser inkunu qegħdin nirranġaw il-Ġnien Dama Cecilia Pick (il-Ġnien tal-Warda).

02.3.9.2 Spjega kif qegħdin nistennew li fil-ġimgħat li ġejjin jiġi approvat il-proġett tat-tisbiħ tal-playing field u allura nkunu qegħdin nipprovdu ambjent aħjar għat-tfal u l-familji.

02.3.10 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li ser issir mal-WSC u l-kuntrattur tal-asfalt sabiex nitkellmu dwar l-isqaqien 1 u 3 ta' Triq it-Torri u Sqaq Nru 2 fi Triq San Nikola.

02.3.10.1 Spjega kif ix-xogħol fuq dawn l-isqaqien kien approvat li jsir mill-Kunsill Lokali ta' qabel u qal li ta' min nikkunsidraw li jsiru wkoll l-isqaqien ta' Triq is-Salvatur.

02.3.10.2 Qal li għallinqas lill-WSC nitolbuhom jibdlu l-medda tal-ilma għax kull ftit jiem qed tinqala' xi ħsara u waqt li jkun qiegħda tiġi rranġatha l-medda, nagħmlu l-isqaq ukoll.

02.3.11 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa rigward il-planning control li kien hemm l-Awtorità għall-Ippjanar li attenda għaliha flimkien mal-Viċi Sindku.

02.3.11.1 Qal li l-laqgħa kienet dwar żvilupp li huwa maħsub li jsir fi Triq Dun Nerik Mahoney, u l-Kunsill Lokali oġġezzjona għal dan l-iżvilupp.

02.3.11.2 L-oġġezzjoni tal-Kunsill Lokali kienet li dan l-iżvilupp, minbarra li se

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jkerrah iż-żona, kien ser joħloq problemi kbar fil-parkeġġ, fuq kif jgħaddi l-ilma tax-xita, il-ġbir tal-iskart u t-traffiku fost l-oħrajn.

02.3.12 Is-Sindku tkellem dwar il-monument ta' Dr Ġużé Cassar.

02.3.12.1 Qal li matul l-aħħar xhur sibna diversi ostakoli, l-ewwel sabiex sibna skultur, u wara s-sid tal-funderija ħalla din id-dinja.

02.3.12.2 Spjega li wara li seħħ dan kollu kellna nerġgħu nibdew mill-bidu, u fl-aħħar ġimgħat kellna laqgħa ma' Heritage Malta.

02.3.12.3 Żied li fil-prinċipju Heritage Malta aċċettaw li ser jgħinuna biex inwettqu dan il-proġett u s'issa tkellimna ma' skultur partikolari biex jagħmlilna figura life size.

02.3.12.4 Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali konna ftehmna li noħorġu s-somma ta' €15,000 jekk kemm-il darba dan il-proġett iseħħ, li huwa mistenni jiġi jiswa madwar €40,000.

02.3.12.5 Qal ukoll li l-idea tiegħu hi li fl-istess żona jiddaħħal mafkar żgħir li jikkomemora l-festi kollha pubbliċi li jiġu ċċelebrati f'pajjiżna.

02.3.13 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li t-Torri Xutu issa ġie restawrat u nfetaħ għall-pubbliku.

02.3.13.1 Qal li l-kontribut tagħna f'dan il-proġett kien għaliex qabbadna kuntrattur sabiex jirranġa d-dawl li jagħti fuq it-Torri.

02.3.14 Is-Sindku tkellem dwar ix-showers li saru f'Wied iż-Żurrieq u qal li l-Kunsill Lokali ma kienx infurmat li dawn ser isiru.

02.3.15 Is-Sindku tkellem dwar il-ħatra ta' Kordinatur tal-Attivitajiet.

02.3.15.1 Qal li matul il-leġiżlatura li għaddiet il-Kunsillier Charles Zerafa kien jieħu ħsieb il-ħarġiet kulturali tal-Kunsill Lokali, u dawn kienu jkunu organizzati kważi kull xahar.

02.3.15.2 Fisser kif il-Kunsillier Charles Zerafa xtaq li f'din il-leġiżlatura din ir-responsabilità tgħaddi għand ħaddieħor.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

02.3.15.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis qalu li jixtiequ jidħlu għal din l-inizjattiva matul din il-leġiżlatura.

02.3.16 Is-Sindku tkellem dwar is-serata u l-unur ta' Ġieħ il-Qrendi.

02.3.16.1 Qal li matul il-leġiżlatura li għaddiet pruvajna nsibu soluzzjoni kif nistgħu nkunu aktar ġusti dwar min jirbaħ dan l-unur.

02.3.16.2 Spjega kif bħala Kunsill Lokali ma xtaqnix li wara kull serata nispiċċaw nibdlu t-termini u allura fl-aħħar tliet (3) snin kien hemm sett ta' regolamenti li mxejna magħhom sabiex jiġi deċiż min jirbaħ dan l-unur.

02.3.16.3 Żied li l-Kunsill Lokali kien iddeċieda li Ġieħ il-Qrendi jibda jingħata lil persuna waħda biss, u lil persuni oħra jew għaqdiet jingħatawlhom onorifiċenzi differenti.

02.3.16.4 Is-Sindku qal ukoll li kien qiegħed ikollna problema dwar il-Bord tal-Aġġudikazzjoni u dan minħabba li l-persuni tal-Bord kienu qegħdin iħossu pressjoni żejda dwar lil min jagħżlu u ma jagħżlux.

02.3.16.5 Qal li issa li bdiet leġiżlatura ġdida, irridu naraw jekk hux ser inżommu l-istess prinċipju bħas-snin l-imgħoddija, jekk hux ser nibdlu xi termini, inkella jekk nibdlux kollox mill-qiegħ.

02.3.16.6 Spjega kif hemm diversi Kunsilli Lokali li jużaw metodi differenti kif jagħżlu l-persuni li jirbħu l-Ġieħ tal-Lokalità u qal li jixtieq li mil-laqgħa li jmiss tibda d-diskussjoni dwar ir-rebħ ta' dan il-Ġieħ.

02.3.16.7 Qal li jekk hemm xi ħadd li jixtieq jieħu f'idejh din is-serata, b'mod speċjali kif issir l-għażla tal-persuna li tirbaħ dan il-Ġieħ, għandha tersaq 'l quddiem.

02.3.16.8 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li fl-opinjoni tiegħu kulmin ikun nominat għandu jingħata Ġieħ il-Qrendi.

02.3.16.9 Is-Sindku wieġeb li mil-laqgħa li jmiss Ġieħ il-Qrendi ser jibda jitniżżel fuq l-Aġenda sabiex tibda diskussjoni wiesgħa dwar dan l-unur.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

02.3.17 Is-Sindku tkellem dwar il-kampanja Pink October 2019.

02.3.17.1 Qal li bħas-snin l-imgħoddija ġejna mitluba nipparteċipaw u diġa' kkonfermajna l-parteċipazzjoni tagħna billi matul ix-xahar t'Ottubru r-roundabout tematika tal-Qrendi tinxtegħel roża.

02.3.18 Is-Sindku tkellem dwar il-Premju Anzjanità Attiva.

02.3.18.1 Qal li jekk kemm-il darba l-Kunsillieri jaħsbu li nistgħu ninnominaw lil xi ħadd għandhom iressqu l-proposta fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

02.3.19 Is-Sindku tkellem dwar il-kampanja Uman, Bħalek.

02.3.19.1 Qal li ġejna mistiedna sabiex bejn id-29 u t-30 ta' Lulju nixgħelu xi mkien bil-kulur ċelesti bħala parteċipazzjoni f'din il-kampanja.

02.3.19.2 Żied li bħal okkażjonijiet oħra, ir-roundabout tematika tal-Qrendi ser tinxtegħel ċelesti.

## 02.4 <u>TWEĠIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

02.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja tkellem dwar sitwazzjoni ta' garaxx fi Triq l-Iskola.

02.4.1.1 Qal li dan ir-resident qiegħed isib problema biex joħroġ mill-garaxx meta jkun hemm il-karozzi pparkjati faċċata.

02.4.1.2 Is-Sindku spjegalu s-sistema li tintuża sabiex nibagħtu r-rikjesta lil Transport Malta sabiex jagħtuna deċiżjoni huma.

02.4.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar il-karozza tal-linja li tinżel Għar Lapsi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

02.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li din mhijiex viabbli għall-Malta Transport u kien għalhekk li twaqqfet din ir-rotta.

## 02.5 RAPPORTI

02.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapport xi jsir mill-Kunsillieri preżenti.

## 02.14 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

02.14.1 Is-Sindku David Schembri qal li f'kull leġiżlatura l-Kunsill Lokali jaħtar żewġ Kunsillieri li jkunu jiffurmaw parti mill-Kumitat tal-Finanzi.

02.14.2 Qal li jixtieq jinnomina lill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u lill-Kunsilliera Marion Parnis sabiex ikunu jiffurmaw parti minn dan il-Kumitat.

02.14.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

02.14.4 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €27,136.63 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 07/19 u €18.34 skont il-*Petty Cash* Ref W/06.

02.14.5 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

02.14.6 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

02.14.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

02.15 **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

02.15.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 19 t'Awwissu 2019 fis-1pm.

02.15.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar il-ħin għal din il-laqgħa.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**